

Brussell, 19 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10505/19

SOC 509
EMPL 396

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali Fatra tas-Sur Joseph FARRUGIA, membru għall-Malta, minflok is-Sur Mario SPITERI, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Mario SPITERI, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għal Malta).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 337/75, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023:

Is-Sur Joseph FARRUGIA
Direttur Ġenerali, tal-Malta Employers Association
35/1, Triq in-Nofsinhar,
VLT 1100
Tel.: + 356 79852931
Indirizz elettroniku: *jfarr@maltaemployers.com*

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
- (a) jadotta bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill meħmuża li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru tal-

Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Fir-rigward tar-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 337/75¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,
Billi:

- (1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019² il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Mario SPITERI, sar vakanti siġġu bħala membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
- (3) L-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

² ĠU C 136, 12.4.2019, p. 6.

Artikolu 1

Is-Sur Joseph FARRUGIA huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali minflok is-Sur Mario SPITERI, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President
